MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2010

Numru. 854/2008

**Il-Pulizija
(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**

**Joseph Caruana ta' 65 sena, iben il-mejjet Eugenio u Margaret nee' Caruana, imwieled Siggiewi (Malta), nhar it-30 ta' Marzu, 1943, residenti fil-fond numru 36, Triq San Duminku, Rabat, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 268843(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra ’l hawn fuq imsemmi Joseph Caruana li gie akkuzat talli madwar tlieta u erbghin sena ilu u fi snin ta’ wara f’dawn il-Gzejjer gewwa Ghawdex:

1) Biegh, trasferixxa, jew ikkunsinna taht titolu li jkun arma regolari cioe’ Air Pistol ta’ l-ghamla Diana bin-numru 453514 lil xi persuna li ma kellhiex licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija ghal din l-imsemmija arma (Art. 20 Kap 480);
2) U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi bhala l-persuna illi f’ismu ghandu registrata mal-Kummissarju tal-Pulizija l-imsemmija Air Pistol, naqas li jzomm fil-kustodja tieghu din l-arma b’tali mod li ma tigix f’idejn persuni ohra (Art. 47 ap 480);

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat jinsab akkuzat illi ttrasferixxa arma tan-nar u cioe’ air pistol tal-ghamla Diane bin-numru 453514 lill-persuna ohra li ma kellhiex licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u dana a tenur tal-Artikolu 20 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll illi naqas milli izomm dina l-arma llicenzjata fuqu fil-kustodja tieghu u dana bi ksur tal-artikolu 47 tal-Kapitolu 480. Illi dana kollu sehh mhux inqas minn tlieta u erbghin (43) sena ilu, meta l-imputat kien ha dina l-arma tan-nar ghat-tiswija ghand wiehed ragel . Madwar sena jew sentejn wara huwa rega’ talbu dina l-arma, izda huwa stqarr mieghu illi huwa kien tahielu lura. Dana ir-ragel illum huwa mejjet u l-imputat isostni illi ilu li miet ‘il fuq minn tletin (30) sena ilu. Illi l-imputat baqa’ ihallas il-licenzja ghall-imsemmija arma tan-nar peress illi huwa ghandu armi tan-nar ohra u ihallas ghal kollox f’salt;

Illi d-difiza ghalhekk qed tissolleva il-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali, kif ukoll l-eccezzjoni illi l-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta li tahtu l-imputat jinsab akkuzat, ma kienx vigenti fi zmien illi sehh ir-reat;

Illi huwa minnu illi l-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta gie fis-sehh fil-hmistax (15) ta’ Awwissu 2006, qabel dan kienet vigenti l-Ordinanza Dwar l-Armi li saret ligi fid-29 ta’ Gunju 1931 u baqghet tigi sussegwentement emendata;

Illi l-ewwel akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat hija reat istantanju u ghalhekk il-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta li fuqu hija msejsa l-ewwel (1) akkuza certament ma kienx vigenti fiz-zmien li sehh dana ir-reat u kwindi ghalhekk l-imputat ma jista’ qatt jinsab hati taht xi ligi li ma kinitx tezisti fiz-zmien illi sehh l-allegat fatt;

Illi ghalhekk il-Qorti ma hijiex ser tittratta l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-ewwel akkuza stante illi l-imputat ghar-raguni hawn fuq esposta ser jigi liberat minn din akkuza;

Illi l-istess ma jistax jinghad fir-rigward tat-tieni akkuza. Illi l-imputat ihallas licenzja ghaz-zamma tal-arma tan-nar in kwistjoni. Huwa ihallasha b’mod regolari u ghalhekk hija licenjzata fuq ismu. L-imputat ghalhekk ghandu d-dmir impost fuqu mill-Kapitolu 480 illi jzomm dina l-arma tan-nar fil-kustodja tieghu, dmir li kien impost fuqu anke taht l-Ordinanza Dwar l-Armi li fl-Artikolu 8 (i) tal-istess jitkellem dwar il-kustodja tal-armi tan-nar. Illi l-imputat baqa’ jhallas l-licenzja ghal dina l-arma u dana anke meta gie fis-sehh il-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-azzjoni ghar-rigward tat-tieni (2) akkuza ghalhekk ma tistax issib applikazzjoni. Il-Pulizija saru jafu b’dan il-fatt biss ricentement u cioe’ f’Novembru tas-sena 2008. Illi l-azzjoni kriminali giet istitwita sena wara f’Dicembru 2009 u ghalhekk l-azzjoni kriminali ma hijiex preskritta fid-dawl ta’ dak dispost fl-Artikolu 688 (e) fejn hemm dispost illi l-akkuza taqa’ bil-preskrizzjoni ta’ sentejn mil-jum li fih ikun l-ahhar ksur tal-ligi (ara Artikolu 691 (1));

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikolu 47 u 51(8) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta, filwaqt li tillibera lill-imputat mill-ewwel (1) akkuza, issibu hati tat-tieni (2) akkuza u tikkundannah multa ta’ mitejn u hamsin ewro (€250).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------